

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Frar 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado Contencioso-Administrativo n° 4 de Valladolid — Spanja) — María Jesús Lorenzo Martínez vs Junta de Castilla y León, Dirección General de Recursos Humanos de la Consejería de Educación

(Kawża C-556/11) ⁽¹⁾

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Politika soċjali — Direttiva 1999/70/KE — Klawżola 4(1) tal-ftehim qafas CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku — Tagħlim mhux universitarju — Dritt għal allowance kull sitt snin għal taħriġ kontinwu — Esklużjoni ta' għalliema impjegati bħala uffiċjali temporanji — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni)

(2012/C 133/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo n° 4 de Valladolid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: María Jesús Lorenzo Martínez

Konvenuta: Junta de Castilla y León, Dirección General de Recursos Humanos de la Consejería de Educación

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juzgado Contencioso -Administrativo de Valladolid — Interpretazzjoni tal-klawżola 4 tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368) — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Għoti lill-korp tat-tagħlim ta' allowance kull sitt snin għal taħriġ kontinwu — Għoti esklużivament lill-impjegati tas-servizz ċivil permanenti

Dispożittiv

Il-klawżola 4(1) tal-ftehim qafas fuq ix-xogħol għal żmien determinat, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li hija inkluża fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, għandu jiġi interpretat fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiriżerva, irrispettivament minn kwalunkwe ġustifikazzjoni għal raġunijiet oġġettivi, id-dritt li tingħata allowance kull sitt snin għal taħriġ kontinwu, lil għalliema impjegati bħala uffiċjali stabbiliti, bl-esklużjoni dawk li jeżerċitaw bħala uffiċjali temporanji.

⁽¹⁾ ĠU C 25, 28.01.2010

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-9 ta' Frar 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) — Novartis AG vs Actavis Deutschland GmbH & Co KG, Actavis Ltd.

(Kawża C-574/11) ⁽¹⁾

(L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari — Regolament (KE) Nru 469/2009 — Artikoli 4 u 5 — Ingredjent attiv uniku li wassal għall-għotja ta' tali ċertifikat — Portata tal-protezzjoni — Prodott mediċinali li fih bosta ingredjenti attivi inkluż dak li qiegħed jiġi ċertifikat)

(2012/C 133/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Novartis AG

Konvenuta: Actavis Deutschland GmbH & Co KG, Actavis Ltd.

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Landgericht Düsseldorf — Interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali (ĠU L 152, p. 1) — Portata taċ-ċertifikat — Protezzjoni limitata għall-prodotti mediċinali li fihom biss is-sustanza attiva protetta jew protezzjoni estiża għall-prodotti mediċinali li fihom is-sustanza attiva protetta flimkien ma' sustanza attiva oħra

Dispożittiv

L-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta "prodott" li jikkonsisti f'ingredjent attiv kien protett minn privattiva bażika u meta d-detentur ta' din il-privattiva seta' jibbaża ruħu fuq il-protezzjoni mogħtija minn din il-privattiva fir-rigward ta' dan il-"prodott" sabiex jikkontesta l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediċinali li fih dan l-ingredjent attiv flimkien ma' wieħed jew iktar ingredjenti attivi oħra, ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari mogħti għal dan l-istess "prodott" jista', wara li tkun skadiet il-privattiva bażika, jagħti l-opportunità lid-detentur tiegħu sabiex jikkontesta l-kummerċjalizzazzjoni minn terzi ta' prodott mediċinali li jkun fih l-imsemmi prodott għall-użu tal-"prodott", bħala prodott mediċinali, li kien ġie awtorizzat qabel ma jkun skada l-imsemmi ċertifikat.

⁽¹⁾ ĠU C 32, 04.02.2012.